MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Numru. 773/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Joseph Attard, iben John u Michelina nee' Baldacchino, mwieled Ghanjielem Ghawdex nhar il-31 ta' Awwissu 1948, detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 68848(G) u residenti 15, God Bless, Triq il-Menhir, Marsaskala**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Attard akkuzat talli it-08 ta' Lulju 2009 ghal habta ta' bejn 07:15hrs u 07:30hrs, gewwa Triq il-Menhir, Marsaskala, volontarjament hebb ghal persuna ta' Alfred Cachia u kkagunalu feriti ta' natura gravi skond kif iccertifikat Dr. Alison Micallef mill-Isptar Mater Dei.

U aktar talli l-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li ikkaguna biza lil Alfred Cachia u l-familjari tieghu li ser tintuza vjolenza, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

U aktar talli l-istess data, hin, lok u cirkostanzi imbotta lil Alfred Cachia fit-triq biex iweggghu jew jinsulentah.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tas-6 ta' Dicembru 2010.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwiziti f'dana il-process jirrizulta illi l-incident mertu ta' dina l-kawza kien frott ta' incident iehor fejn l-imputat jallega illi huwa ra lil-parti civili u cioe' il-gar tieghu Alfred Cachia jobzoqlu fuq il-vettura tieghu. Dana l-incident inqala' xi zmien qabel, izda ma hux car jekk dana sehhx xahar qabel jew erba xhur qabel ghaliex filwaqt illi fl-istqarrija tieghu l-imputat ighid illi dana sehh xahar qabel, imbaghad meta jixhed fil-kawza isostni illi dan l-incident sehh erba' xhur qabel. L-imputat ighid illi huwa kien qieghed fil-gallarija jiehu tazza kafe ghal habta tal-hamsa ta' fil-ghodu meta osserva lill-imputat jieqaf vicin il-

vettura tieghu u jobzoq fuqha. Dak in-nhar huwa ma kellmu xejn, izda ighid illi fil-jum ta'l-incident mertu tal-kawza iddecieda li jinzel ikellem lil Cachia sabiex jistaqsieh 'il ghala kien bezaqlu fuq il-vettura tieghu. B'hekk stennieh fil-ghodu kmieni hekk kif Cachia ikun sejjer ghax-xoghol. Fil-fatt meta lemhu huwa sejjahlu u beda jallega mieghu illi kien bezaqlu fuq il-vettura u stiednu sabiex jinzel jara. Ghall-ewwel jidher illi Cachia ma kienx ser jaghtih widen, izda l-imputat baqa' jinsisti u fl-ahhar Cachia nizel mill-vettura tieghu sabiex jara dak li kien qed jallega l-imputat. Minn hawn jidher illi kien hemm divverbju bejniethom it-tnejn fejn spiccaw gew fl-idejn. Cachia jallega illi l-imputat xejjrilu daqqa ta' ponn u laqqtu fuq imniehru. Inoltre ighid illi fit-taqtiegha l-imputat sahanistra gidimlu subajgh u ikkagunalu xi griehi ukoll. F'dana l-argument jidher illi intervjenew mart l-imputat u ibnu li ipprova iferruqhom, izda Cachia jallega illi anke iben l-imputat kompla ma' missieru. Fl-ahhar Cachia irnexxielu jitlaq minn fuq il-post u rikeb il-vann, izda f'dana il-hin l-imputat kien ser jerga' ihebb ghalih ghaliex skond kf ighid l-imputat haseb illi Cachia kien ser igib xi arma mill-vettura. Cachia izda rikeb u telaq minn fuq il-post u baqa' sejjer l-ghassa tal-pulizija jaghmel rapport.

Illi l-imputat minn naha tieghu isostni illi huwa hebb ghal Cachia sabiex jiddefendi ruhu meta Cachia imbuttah ghal xejn b'xejn. Kien f'dina it-taqtiegha isostni illi huwa beda ixejjer b'idejh u spicca laqat lil Cachia f'wiccu u anke gidimlu subajgh. Ghalhekk huwa qieghed iressaq bhala difiza l-iskriminati tal-legittima difeza u cioe' illi huwa ireagixxa minhabba l-agressjoni li kienet gejja min-naha ta' Cachia. Illi l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita legittima, **jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor**."

L-artikolu 224, imbaghad jelenka is-sitwazzjonijiet fejn dina l-iskriminanti tista' tigi applikata. Illi f'sentenza

moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995 inghad:

"***Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima."***

Illi l-Qorti tqis illi dana mhux biss kien kaz ta' perikolu anticipat, izda talli kien l-imputat li stieden dana il-konfront. L-imputat kien ilu jahseb fuq il-mod kif kien ser jaffronta lil Cachia ghal xhur shah u cioe' minn meta huwa rah allegatament jobzoqlu fuq il-karozza. L-imputat irreagixxa b'mod kemmxejn vjolenti f'dana l-incident kollu. Illi l-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi ma temminx il-verzjoni ta'l-imputat dwar l-incident. Ma hemmx dubbju illi l-imputat kien irrabjat mhux ftit ghal Cachia. Jidher illi kien hemm certu animosita bejn il-partijiet li kien ilu ghaddej ghal xi zmien. Kien l-imputat stess li mar sabiex jaffronta lil Cachia u mhux vice-versa. Huwa sejjah lil Cachia, li kien ghaddej ghal triqtu u kien sejjer uq il-lant tax-xoghol, ghal konfrontazzjoni u xejn izjed. Tant kienet premeditata s-sitwazzjoni mill-imputat illi sahansitra qam mal-hamsa ta' fil-ghodu u qaghad jistenna lil Cachia fil-gallarija ghaliex kien jaf illi Cachia f'dak il-hin johrog ghax-xoghol.

Illi lanqas ma tista' tirrizulta l-iskriminanti ta'l-eccess tal-legittima difeza, liema dottrina hija esposta fl-artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali. Illi sabiex dina d-difiza tista' tirnexxi id-difiza jenhtiegilha tipprova illi kien hemm l-element tal-biza', hasda jew twerir li igibu l-impunita'. Illi l-ebda wahda minn dawn l-elementi ma jirrizultaw mill-provi. Illi ma jirrizultax illi l-imputat kien qieghed f'xi hin jibza' minn Ccahia jew li dana hassdu jew kien qieghed iwerwru tant illi l-imputat hass il-bzonn li jiddefendi ruhhu

minn xi aggressjoni ingusta, gravi u inevitabbli li kienet qed issir fil-konfront tieghu. Kif diga inghad iktar ‘il fuq kien l-imputat li stieden dina l-konfrontazzjoni u ghalhekk ghandu iwiegeb ghall-azzjonijiet tieghu.

Illi l-artikolu 227(c) imbaghad jitkellem dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Fost ir-rekwizti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali “illi f’nies ta’ temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt.” Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta’ temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta’ temperament ordinarju. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta’ Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela gie deciz:

“Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta’l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero’ dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta … il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma’l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: ***“la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio’ l-attenuante dovra’ ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita’ esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto”*** (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).”

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana l-iskuzanti u cioe’ fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun

wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Illi l-Qorti tqies illi f'dana l-kaz lanqas ma kien hemm provokazzoni da parti ta' Cachia lejn l-imputat. Illi a skans ta' ripetizzjoni dina l-Qorti taghmel referenza ghal motivazzjonijiet imfissra iktar 'il fuq u tirrileva illi s-sitwazzjoni f'dana il-kaz iktar kien bil-maqlub u cioe' illi kien l-imputat li ipprovoka lil Cachia.

Illi dwar in-natura tal-griehi sofferti mill-parti leza, jirrizulta mix-xhieda ta'l-espert Dr. Mario Scerri u ir-rapport minnu imhejji[1] illi l-imputat f'dana l-incident garrab frattura tan-***nasal bone***, li giet deskritta mill-espert bhala ferita ta' natura gravi ***per durata*,** filwaqt illi il-griehi sofferti mill-parti leza f'subajgh, skond l-imsemmi Espert, illum fiequ kompletament.

Illi min-nota ta' rinviju ghal gudizzju, jirrizulta illi l-imputat qed jigi addebitat ukoll ir-reat tal-hekk imsejjah *harassment*. Illi l-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Brian Micallef deciza recentement fl-14 ta Ottubru 2011 tkellmet fuq dana ir-reat fejn iccitat is-sentenza Il-Pulizija vs Raymond Parnis fejn f'dik is-sentenza gie rilevat li r-reat *de quo* gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act*, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid isehh "on at least two occasions". Il-Qorti qalet:  "Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, taqbel li l-imgieba li ghaliha jaghmel riferenza l-artikollu 251B(1) ghandha tikkonsisti f'mhux anqas minn zewg okkazzjonijiet." Illi mill-provi akkwiziti ghalkemm jidher illi hemm certu animosita bejn il-partijiet, madanakollu ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubbju illi l-imputat kien ta fastidju lil parti leza f'iktar minn okkazzjoni wahda u ghalhekk huwa ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

---

[1] Ara xhieda  a fol.80 u rapport Dokument MS a fol.82

Illi dwar l-akkuzi kontravvenzjonali ghandu jinghad illi l-imputat jinsab akkuzat kemm bil-kontravvenzjonijiet kontra l-ordni pubblika, kif ukoll dwak kontra l-persuna. Ibda biex, l-Avukat Generali jindika illi tista' tinstab htija a tenur ta'l-artikoli 338(bb) u (dd) tal-Kapitolu 9. Illi ghalkemm ma hemmx dubbju illi l-imputat huwa hati ta' ksur tal-bon ordni u paci pubblika madanakollu ma hemmx l-icken prova l-atti li tindika illi tista tinstab htija ghal kontravvenzjoni indikata fl-artikolu 338(bb) billi ma jirrizultax illi l-imputat qal xi kliem oxxen jew ghamel atti jew gesti oxxeni fil-pubbliku.

Illi dwar il-kontravvenzjonijiet kontra il-persuna kif previst fl-artikoli 339(1)(d)(e) u (l), dawn il-kontravvenzjonijiet jistghu jitqiesu bhala mezz ai fini tal-kummissjoni tar-reat dwar l-offiza gravi fuq il-persuna u ghalhekk l-imputat ser jigi moghti l-piena ghar-reat l-iktar gravi u dana kif previst fl-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi dana l-incident kien wiehed li seta' jigi evitat b'naqra buon sens, kif ukoll b'sens ta' buon vicinat. Ghalhekk piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja ghal dana l-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(d)(2), 338(dd), 339(1)(d)(e) u (l) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mir-reati ikkontemplati fl-artikolu 251B u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-kumplament ta'l-akkuzi indikati fin-nota ta' rinviju ta'l-Avukat Generali u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija, li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lil hati b'garanzija ta' hames mitt ewro ghal

zmien sena mil-lum sabiex izzomm il-paci ma' Alfred Cachia.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €194.50 dovuti bhala spejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------